MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 505/2004/1

**Saviour Camilleri**

**v.**

**Anthony k/a Twanny Baldacchino**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell maghmul mill-attur minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Gunju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talbiet tal-attur limitatament billi ordnat lill-konvenut ihallas lill-attur, ghas-servizzi rezi minnu lill-konvenut, is-somma ta' €13,407.55 [ekwivalenti ghal Lm5,755.86] minflok is-somma pretiza mill-attur ta' €18,130.35 [eqwivalenti ghal Lm7,783.36], "u dan minhabba l-aspett tal-VAT kif ukoll tal-imghaxijiet" imsemmija fis-sentenza appellata taht il-partiti D4 u D5 rispettivament, bl-ispejjez jithallsu, inkwantu ghal tliet kwarti ($^3/_4$) mill-konvenut, u kwart ($^1/_4$) mill-attur.

**Il-Fatti**

**2.** Il-fatti relevanti ghal dan l-appell huma dawn. Permezz ta' skrittura privata intestata *"Design Services Agreement"* datata 10 ta' Mejju 1999, l-attur kien inkarigat mill-konvenut sabiex jaghmel xoghol ta' *interior designing* f'post is-Siggiewi u li ghal dan ix-xoghol l-attur kellu jircievi minghand il-konvenut is-somma kalkolata bir-rata ta' 5% fuq il-valur tal-progett, bhala *service fee.*

**3.** Skont prospett anness mad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, il-valur tax-xoghol ezegwit fuq il-post, u li fuqu kellu jigi kkalkolat is-*service fee* tieghu,

kien jammonta ghal Lm218,366.38. Ghalhekk bir-rata tal-5% il-hlas dovut lilu kien jammonta ghal Lm10,918.31. L-istess prospett jindika li l-VAT kien mahdum fuq bazi ta’ 15%, izda fil-fatt l-ammont korrispettiv ta’ Lm1,965.29 indikat fil-prospett jidher li nhadem bir-rata ta’ 18% u mhux bir-rata ta’ 15%.

**4.** Jirrizulta pacifiku li l-konvenut ghamel diversi pagamenti lill-attur fl-ammont komplessiv ta’ Lm5,100 u ghalhekk skont l-attur huwa ghad fadallu jiehu minghand il-konvenut is-somma ta’ Lm7,783.60.

**5.** Permezz tal-att tac-citazzjoni l-attur talab li l-konvenut jigi ordnat mill-Qorti jhallas dan l-ammont. Min-naha tieghu l-konvenut eccepixxa fil-meritu li huwa m’ghandu jaghti xejn lill-attur, anzi l-imsemmi ammont ta’ Lm5,100 jissupera l-valur tas-*service fee* rejalment dovuta lilu.

**6.** Fil-kors tal-kawza l-attur ipprezenta prospett [CCX1][1] li juri *breakdown* tas-somma fuq indikata ta’ Lm218,366.38. Fost il-partiti elenkati f’dan il-prospett hemm indikati s-segwenti xoghlijiet: “Light Fittings” bil-valur ta’ Lm1,976.38, “Steel Works” bil-valur stmat fl-ammont ta’ Lm500; “Upholsterer” bil-valur stmat fl-ammont ta’ Lm300.

[1] Vol.4 – fol.470

**7.** Min-naha tieghu l-konvenut ipprezenta prospett [AB2] li juri elenku tax-xoghlijiet maghmula fuq il-post u l-valuri rispettivi. Skont dan il-prospett il-valur globali tax-xoghlijet li fuqu ghandu jithallas il-konvenut huwa ta’ Lm105,888 u li hu kien gja` ghamel pagamenti fl-ammont komplessiv ta’ Lm5,100.

**8.** Mill-provi jirrizulta manifest li l-konvenut ma kienx jghaddi jew juri lill-attur il-fatturi tax-xoghlijet li kienu ghamlu l-kuntratturi u dan minkejja li l-attur kien talab dawn il-fatturi sabiex hu jkun f’pozizzjoni ahjar li jikkalkola s-*service fee* dovuta lilu. Din ir-riluttanza baqghet timmanifesta ruhha anke matul dawn il-proceduri kif jixhdu d-diversi rikjesti li kienu saru inutilment mid-difensur tal-attur sabiex il-konvenut jipprezenta l-fatturi tax-xoghlijiet kollha li saru fil-post.

**9.** Rizultat ta’ dan in-nuqqas da parti tal-konvenut, l-attur ma kienx fil-pozizzjoni li jikkalkola b’mod preciz is-somma dovuta lilu fuq uhud mix-xoghlijiet, fosthom dawk indikati bhala Steel Works u Upholsterer, ghalhekk dwar dawn ix-xoghlijiet huwa kien ikkalkola l-valur ta’ dawn ix-xoghlijiet fuq stima maghmula minnu.

**10.** Jirrizulta wkoll li rigward ix-xoghol tal-Light Fittings, ghalkemm fil-prospett [CCX1] ipprezentat mill-attur dawn gew indikati li kellhom valur ta’

Lm1,976.38, fil-prospett [AB2] ipprezentat mill-konvenut dawn gew indikati li kellhom valur ta' Lm2,500.

**11.** Skont il-perit tekniku l-ammont tas-*service fee* dovuta lill-attur fuq ix-xoghlijiet ezegwiti kien jekwivali ghas-somma ta' Lm9,439.88. Ma' dan l-ammont ghandu jizdied il-valur tal-VAT fuq l-istess, u li skont il-perit tekniku, mahduma bir-rata ta' 15% twassal ghas-somma totali ta' Lm10,855.86.[2]

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

**12.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti:

*"**<u>D1. Fatti tal-kaz:</u>***

"Irrizulta li l-konvenut kien inkariga lill-attur jezegwixxi xoghol ta' appalt ta' *interior design* fil-Blue Creek Restaurant, Ghar Lapsi, is-Siggiewi. Il-partijiet iffirmaw *Design Service Agreement* fl-10 ta' Mejju 1999 kif jirrizulta mid-Dokument a fol 5 tal-process. Fih jissemma li d- *Designated Areas* fil-paragrafu 1 u jinghad li:

[2] LM9,439.88 + 15% fuq l-istess ammont [LM1,415.98] = LM10,855

> ""*The designer* (l-attur) *shall undertake the design of Għar Lapsi Bar & Restaurant and Multi-Purpose Room.*"

"It-tieni u t-tielet klawsola ta' l-imsemmi ftehim jirrigwardaw aspetti ta' *design service* u *copyright*. Ir-raba' sezzjoni ta' l-agreement tispecifika kif gej:

> ""*The parties agree that in consideration of the provision of the abovementioned services, the designer shall be entitled to a service fee of per centum points on the contract value of the entire works carried out in the desgnated area as follows*:..."

"Ma hemmx skop li titnizzel l-iskeda ghax mhux kontestat li l-valur tax-xogholijiet jissupera t-Lm80,000 u li ghalhekk ir-rata trid tkun ta' 5%. Jinghad ukoll li:

> ""*Provided that for the purposes of this section the contract value shall be deemed to include all works carried out in the designated area or with a view of being installed therein, including contracted work and other incidental work.*
>
> *"Provided further that such payment shall become due in full when the designer has completed the working drawings, even where such mentioned works have not been completed.*
>
> *"Any sales tax shall be paid by the client on the service fee."*

"Fil-hames parti l-*agreement* jitkellem dwar il-*progress payments*.

"Permezz tal-kont Dok. 2 datat 30 ta' Ġunju 2004 a fol 6 tal-process, l-attur talab hlas ta' 5% fuq Lm218,366.38 valur f'xoghlijiet, cioe` Lm10,918.31, flimkien ma' 18% VAT fl-ammont ta' Lm1,965.29 (għalkemm fuq il-kont hemm indikat 15% VAT jidher illi l-attur applika r-rata ta' 18% li hija r-rata li kienet dahlet fis-sehh fl-2004) li jhalli bilanc ta' Lm7,783.60 billi l-konvenut kien hallsu Lm5,100.00 akkont.

"Min-naha l-ohra, fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu, il-konvenut iddikjara li l-valur tax-xogħlijiet li ħa ħsiebhom l-attur hu ta' Lm92,276.00 u għalhekk is-*service fee* dovuta lill-attur kellha tammonta għal Lm4,613.00. Il-konvenut iddikjara wkoll illi l-attur kien talbu jħallas l-ammont ta' Lm4,900 li jirriżulta minn Dok. JVX1, liema kont huwa *provisional estimate of cost* u anqas jinkludi VAT. Il-konvenut ikkontenda li huwa ma fadallu jagħti xejn lill-attur.

"Kif semma l-abili Perit Tekniku, jirriżulta s-segwenti :

> ""1. Illi l-partijiet qed jaqblu li s-*service fee* dovuta lill-attur hi ta' 5% fuq il-valur tax-xogħlijiet.
>
> "2. Illi l-attur qed jikkontendi li fuq din is-*service fee* għandha tapplika 18% VAT filwaqt illi l-konvenut qed jikkontendi li m'għandha tapplika l-ebda VAT.
>
> "3. Illi ċerti valuri tax-xogħlijiet ma jaqblux partikolarment billi f'ċerti każi tnaqqset il-VAT fuq il-fattura mill-konvenut.

"4. Illi l-konvenut qed jikkontendi li għal ċertu xogħlijiet l-attur m'għandux jitħallas :

"(a) Jew għax l-attur ma kienx inkarigat jagħmilhom.
"(b) Jew għax l-attur ma kienx involut fihom.
"(c) Jew għax ix-xogħlijiet ma gewx esegwiti fil-post."

**"*D2. Konkluzjonijiet tar-rapport peritali:***

"Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-Perit Tekniku, hlief ghal dak li ser jigi specifikat aktar 'l isfel. Taqbel li l-hlas ghal servizz professjonali ta' *interior designer* ikun dovut kollu lil Camilleri da parti ta' Baldacchino gjaladarba l-attur lesta l-*working drawings*, irrespettivament jekk wara l-klijent jaghmilx ix-xoghol jew le. Dan jirrizulta car mit-tieni *proviso* tas-*Service Fee* fid-*Design Service Agreement* gja ikkwotat li specifikament isemmi li l-ammont ikun dovut "*even where such mentioned works have not been completed*."

"Fin-nota tieghu l-attur jghid:

""Dwar ix-xoghol li sar mis-socjeta` *Hydroelectric,* paragrafu 29 tar-rapport, Camilleri kellu informazzjoni li l-valur tax-xoghol kien ta' Lm1,976.38, filwaqt li fil-verita` l-valur tax-xoghol kien ta' Lm2,500 skond prova pprezentata mill-konvenut stess. La darba l-konvenut ma kienx ta kopja tal-fattura ta' *Hydroelectric* lill-attur, dan ta' l-ahhar ma setghax jasal ghal valur ezatt tax-xoghol li sar u ghaldaqstant ma setghax jitlob l-ammont ta' *service fee* kollu. Baldacchino kien obbligat li meta l-kuntratturi jipprezentaw il-fatturi taghhom lilu huwa jaghti kopja lil-attur sabiex dan jitlob 5% tal-valur tal-fattura lill-klijent.

"Dan Baldacchino qatt ma ghamlu. Ma jistghax il-konvenut jiehu vantagg min-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet tal-ftehim da parti tieghu u b'rizultat ta' hekk jigi ridott is-*service fee* ta' l-attur. Jekk il-valur ta' xoghol li *Hydroelectric* ghamlet fil-fond tal-konvenut kien jiswa Lm2,500 u mhux Lm1,9763.38 kif l-attur haseb, allura l-attur ghandu jithallas *service fee* ta' 5% fuq Lm2,500. L-istess principju ghandu jigi applikat ghax-xoghol ta' *steel works* [paragrafu 32], xoghol ta' *upholstery* [paragrafu 36], xoghol li sar minn Kevin [paragrafu 43] u xoghol ta' Calleja [paragrafu 44]. Rigward dawn ix-xogholijiet, l-attur ghandu jiehu *service fee* fuq il-valur reali tax-xoghol li sar."

**"*D3. L-ammont dovut fuq ix-xoghol ta' Hydroelectric:***

"Dwar il-Hydroelectric, l-attur indika valur ta' Lm1,976.38 filwaqt li fuq Dokument AB2, il-konvenut indika valur ta' Lm2,500. Jidher li r-raguni ta' din kienet li l-konvenut ma kienx ghadda lill-attur il-fattura u li ghalhekk l-attur ma setax jasal ghall-valur ezatt tax-xoghol. Naturalment il-konvenut kellu l-obbligu li jghaddi l-fattura lill-attur. Izda dwar dan l-aspett, fid-domanda in eskussjoni l-Perit Saliba spjega li l-attur ibbaza t-talba tieghu ghall-hlas ta' Lm7,783.36 u ma talabx somom verjuri. Din hija ibbazata fuq ammont globali ta' xogholijiet ta' Lm218,366.38 li jirrizulta minn Dokument CCX1 prezentat mill-attur. Jekk wiehed kellu jilqa' l-argument ta' l-attur imressaq fin-nota tieghu, wiehed ikun qed imur *ultra petita* kif jidher mill-*breakdown* dettaljat a fol 6 tal-process. L-istess argument hu applikabbli ghal xoghol ta' *steel works*, eccetera.

***"D4. L-ammont ta' VAT dovut:***

"Jinghad li fil-kawza fl-ismijiet **El Dara Limited vs Emanuel u Brigitta konjugi Galea** (Rikors Numru 1013/09FS), deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fid-19 ta' April, 2011 hemm riportat ix-xhieda moghtija fil-kawza minn Paul Scicluna li jahdem mal-VAT Department fil-kariga ta' Spettur tal-VAT. Hu semma li l-VAT giet *in vigore* fl-1998 u giet effettiva mill-01/01/1999 b'rata ta' 15% imbaghad giet awmentata ghal 18% mil-1 ta' Jannar 2004. Mistoqsi jekk sar awment u allura trid tithallas il-VAT ghal perjodu ta' qabel l-2004 u mistoqsi allura b'liema rata din trid tigi mhallsa meta din ser tingabar issa u cioe` wara l-2004 irrisponda li t-taxxa li qed tigi dikjarata llum trid tithallas bir-rata tal-lum mhux ta' dik id-data partikolari. La jkun qieghed ihallas illum, illum irid ihallas bl-18% anka jekk riferibbli ghal zmien qabel l-2004.

"Dana jwassal ghall-fatt li dak li gie mhallas qabel, u cioe` Lm5,100, kellu jithallas bhala VAT bil-15% waqt li l-bilanc bit-18%. Izda jinghad li bhal kif issemma fl-aspett precedenti, it-talba ta' l-attur kienet bazata fuq VAT bil-15% u ma tirreferix ghal somma verjuri b'mod li jidher car mid-dokument a fol 6 tal-process li dak li kien qed jintalab bhala VAT kien bir-rata ta' 15% u ghalhekk il-Qorti ma tistax tmur *ultra petita*. Ghalhekk dan iwassal li xorta wahda l-kalkoli tal-Perit jigu tajba.

***"D5. Imghaxijiet:***

"Illi fil-kawza fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat *et*** (Citazz. Nru.: 448/87FS) deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fis-17 ta' Marzu, 2010 inghad:

> ""Fuq dan l-aspett il-Qorti tirrileva li dwar imghax jinghad li l-principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likwidat. Il-principju hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u mnhabba f'hemm ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit ***in mora***. Ara f' dan is-sens dawn is-sentenzi fejn il-gurisprudenza tista' tghid hija pacifika:"
>
> "… … Ommississ … …

"Irid jinghad li kien hemm xi eccezzjonijiet ta' meta l-Qrati taghna hassew li l-imghax setgha jkun dovut qabel. Hekk insibu li fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Francis Xavier Aquilina vs Andrew Mamo nomine** deciza fid-19 ta' Novembru 2001 inghad:

> ""Din il-Qorti allura mhix qeghda b'mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju *in illiquidis not fit mora*, specjalment fejn ir-responsabilita' ghad-danni tkun giet ammessa. Il-gurisprudenza illi l-attur "ma setghax jitlob interessi anterjuri ghall-prezentata tac-citazzjoni ghaliex hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li f'kawza ta' likwidazzjoni jinghataw biss interessi mid-data tas-sentenza.........." hi s-suggett ta' zvilupp gurisprudenzjali li ghad irid jigi verifikat.
>
> ***"Omissis***
>
> "B'dana kollu din il-Qorti f'kawza b'mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja <u>l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita' ghall-hlas tieghu.</u> Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat

semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat." [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

"Posizzjoni simili ittiehdet fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance p.l.c. vs Johann Ciantar** deciza fl-20 ta' Gunju 2002 [Imh J R Micallef] fejn jinghad:

""Hija wkoll il-fehma taghha li meta talba ghall-hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak inhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzajrju (jekk dan ikun sar) u mhux minn dak inhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont;" [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

"Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla fis-16 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet **Blye Engineering Company Limited vs Paolo Bonnici Limited** [Imh G Valenzia] b'referenza ghal *in illiquidis non fit mora* inghad:

""Din il-massima ma ghandiex applikazzjoni assoluta u jista' jkun hemm kazi fejn il-Qorti ma tapplikahiex, ghaliex diversament tkun qedgfha taghti vantagg lid-debitur. Kaz bhal dan huwa meta l-likwidazzjoni ma tkunx tista' ssir minhabba htija tad-debitur. Fuq din il-kwistjoni ikkummenta Giorgi (Teor Obbligaz Vol III pag 202). U ara sentenza Vol LXXXI-I-359 **Schembri vs Dr. L. Buhagiar** 28/2/1997.

"Ghalhekk il-principju generali hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut ghalkemm tezisti l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita` tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita` ghall-hlas tieghu."

## L-Appell

**13.** L-attur jibbaza l-appell tieghu fuq tliet aggravji: [1] li fid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti marret ultra petita; [2] li l-persentagg tal-VAT kellu jigi kkalkolat bir-rata ta' 18% u mhux bil-15%; [3] li l-principju generali ta' *in illiquidis non fit mora* m' ghandux japplika f'dan il-kaz.

**14.** Ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti "tirrevedi s-sentenza appellata … billi joghgobha tilqa' t-talbiet tal-appellant, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-appellat."

**15.** Min-naha tieghu l-konvenut fir-risposta tieghu, jghid li l-lanjanzi sollevati mill-attur appellant mhumiex sostenibbli, ghar-ragunijiet fosthom dawk indikati minnu fir-risposta.

*L-ewwel Aggravju*

**16.** Dan huwa dirett lejn dik il-parti tas-sentenza rigwardanti l-ammont dovut fuq ix-xoghol tal-*hydro-electric* fejn l-ewwel Qorti, minkejja li l-konvenut stqarr li l-valur ta' dan ix-xoghol kien jammonta ghal Lm2,500, hija skartat din il-prova u strahet fuq dak indikat mill-attur fil-prospett tieghu, u cioe` l-ammont ta' Lm1976.38. Dik il-Qorti spjegat hekk il-bazi tad-decizjoni taghha:

> “Jekk wiehed kellu jilqa’ l-argument tal-attur imressaq fin-nota tieghu, wiehed ikun qed imur *ultra petita* kif jidher mill-*breakdown* dettaljat a fol.6 tal-process. L-istess argument hu applikabbli ghal xoghol ta’ *steel works*, eccetera.”

**17.** L-attur isostni li fit-talba tieghu huwa specifika li l-ammont li kien qed jippretendi hu huwa ta’ Lm7,783.36 u ghalhekk, sakemm l-ammont stabbilit mill-Qorti ma jkunx jeccedi dak l-ammont, id-decizjoni tal-Qorti ma tistax titqies bhala *ultra petita*. Jissottometti li:

> “L-applikazzjoni tal-principju ta’ ultra petita kien ikun validu kemm-il darba l-ammont mitlub/dovut mill-attur wara l-gbir tal-provi kien jissupera l-ammont mitlub fic-citazzjoni ta’ Lm7,783.36 li mhuwiex il-kaz fic-cirkostanzi odjerni.”

**18.** L-attur jakkuza lill-konvenut li dan naqas mill-obbligi kuntrattwali tieghu meta l-konvenut, minkejja mitlub diversi drabi sabiex jaghmel hekk, naqas milli jfornih bil-fatturi tal-kuntratturi li hadmu x-xoghlijiet bir-rizultat li l-attur ma kienx fil-pozizzjoni li jindika bl-ezatt dak dovut lilu peress li ma kellux l-informazzjoni kollha biex jistabbilixxi kemm verament sewa x-xoghol maghmul fil-post.

**19.** Min-naha tieghu l-konvenut jirribatti hekk:

> “Dwar il-materja ultra petita jigi senjalat illi l-ammont likwidat fis-sentenza appellata gie stabbilit in bazi ghall-konsiderazzjonijiet [fil-maggor parti taghhom] li kienu dettaljati fir-rapport tekniku. Proprjament ghalhekk wiehed ma jarax ghaliex kellha tigi nvokata l-ultra petita.”

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**20.** In tema legali jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria fil-kawza App.S **Prof Joseph Galea v. Dr.Antonio Bonnici**, deciza 6 Novembru 1961 li hemm l-*'extra petita'* jew *l'ultra petita'*, meta tigi sostitwita ghall-azzjoni jew ghad-domanda avvanzata mill-attur azzjoni jew domanda ohra li minnu ma gietx proposta, jew meta d-decizjoni tmur aktar l'hinn mid-domanda jew azzjoni avvanzata; u mhux meta tigi mitluba somma superjuri ghal dik li tirrizulta dovuta mill-konvenut.

**21.** Fil-kaz odjern id-decizjoni tal-ewwel Qorti kienet tkun *ultra petita* li kieku dik il-Qorti akkordat l-ammont in eccess tas-somma indikata mill-attur fic-citazzjoni, u mhux jekk fil-kors tal-provi jirrizulta li fuq partita elenkata fil-prospett tal-attur l-ammont indikat minnu jkun inferjuri ghal dak li jirrizulta mill-provi. *Multo magis* meta bhal fil-kaz odjern il-konvenut kien naqas milli jghaddi lill-attur il-fatturi moghtija lilu mill-kuntratturi u li fuqhom seta' jinhadem b'mod preciz il-valur tax-xoghlijiet li fuqhom tigi komputata s-*service fee*.

**22.** Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti meta, minkejja li l-valur tax-xoghol tal-*hydro-electric* irrizulta *ex admissis* mill-konvenut li kien fl-ammont ta' Lm2,500, iddecidiet li tiskarta dan l-ammont u,

minflok, accettat l-ammont ta' Lm1,976.38 ghax dan kien l-ammont indikat mill-attur. Dak li kien jorbot lill-ewwel Qorti mhuwiex l-ammont indikat fil-prospett tal-attur, izda l-ammont indikat minnu fl-att tac-citazzjoni, u ladarba dan, maghdud ma' ammonti ohra dovuti, ma jeccedix is-somma mitluba fic-citazzjoni, il-kwistjoni tal-*ultra petita* ma tqumx.

**23.** Inoltre, il-fatt li fl-att tac-citazzjoni l-attur illimita ruhu ghall-ammont minnu indikat minghajr ma zied il-frazi "jew somma ohra verjuri" ma jfissirx li l-Qorti ma tistax tordna li tinghata somma inferjuri jekk din tkun tirrizulta mill-provi.

**24.** Fid-dawl tal-premess is-*service fee* kalkulata bir-rata ta' 5% kellha tigi komputata fuq l-ammont ta' Lm2,500 u mhux fuq l-ammont ta' Lm1,976.38. Ghalhekk huwa dovut lill-attur l-ammont ulterjuri ta' Lm26.18 [illum €61] rapprezentanti 5% fuq id-differenza.[3]

**25.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh fis-sens fuq indikat.

*It-tieni aggravju*

[3] 5% ta' [ LM2,500 – LM1,976.38 = LM523.62] = LM26.18

**26.** Dan jirrigwardja l-ammont tal-VAT li ghandu jigi mizjud mal-valur tax-xoghlijiet. L-attur jghid li, minkejja li fil-prospett[4] redatt minnu fit-30 ta' Gunju 2004 huwa indika r-rata ta' 15%, ir-rata applikabbli hija ta' 18%, kif jirrizulta mis-somma indikata minnu fil-prospett fl-ammont ta' Lm1,965.29[5].

**27.** L-attur jirreferi ghax-xhieda moghtija minn rapprezentant tad-Dipartiment tal-VAT, u jsostni li din ghandha tithallas bir-rata li tkun vigenti fiz-zmien li tingabar, u ghalhekk, minkejja li x-xoghlijet kienu saru qabel s-sena 2004 il-VAT pagabbli fuq il-bilanc li jirrizulta dovut ghandu jigi komputat bir-rata ta' 18% kif inhi llum.

**28.** Jilmenta li l-ewwel Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal din ix-xhieda, osservat li peress li "it-talba tal-attur kienet bazata fuq VAT bil-15% u ma tirriferix ghal somma verjuri" b'mod li jidher car mid-dokument a fol.6 tal-process li dak li kien qed jintalab bhala VAT kien bir-rata ta' 15% u ghalhekk il-Qorti ma tistax tmur *ultra petita*.

**29.** Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li skont il-ftehim il-partijiet kienu ftehmu li *"any sales tax shall be paid by the client on the service fee."* Ghalhekk irrispettivament tar-rata tal-VAT applikabbli, din ghandha tithallas mill-konvenut.

---

[4] Fol.6
[5] LM10,918.31 x 18 ÷ 100

**30.** Fit-tieni lok tosserva li, minkejja li fil-prospett ir-rata tal-VAT indikata hija ta’ 15%, l-ammont indikat jirrifletti komputazzjoni bit-18%, fuq Lm10,918 [“professional fees”].

**31.** Fit-tielet lok tosserva li skont ir-regolament 2 tar-raba’ skeda tal-kap.406, ghal dawk li huma servizzi r-rata tal-VAT hija kalkolata fuq dik vigenti z-zmien li jsir il-hlas. Dan ir-regolament fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:

> “2. (1) Provvista ta’ servizzi għandha titqies li sseħħ fid-data meta jitwettqu dawk is-servizzi.
>
> “(2) Għall-għan tal-paragrafu (1), meta provvista ta’ servizzi tagħti lok għal dikjarazzjonijiet suċċessivi ta’ kontijiet jew ħlasijiet, dawn għandhom jitqiesu bħala li twettqu, sal-valur kopert b’dawk id-dikjarazzjonijiet, fl-aħħar jum ta’ kull żmien li għalih jirreferu dawk id-dikjarazzjonijiet ta’ kontijiet jew ħlasijiet.”

**32.** Ghar-ragunijiet fuq indikati l-ammont li ghandu jithallas lill-attur ghandu jigi kalkolat bir-rata ta’ 18% li jwassal ghall-ammont <u>Lm1,965.30</u> kif indikat minnu fil-prospett u mhux l-ammont ta’ Lm1,415.98 kif kalkolat mill-perit tekniku bir-rata ta’ 15%. Ghalhekk din is-somma ta’ Lm1,965.30 [18% VAT][6] ghandha tigi mizjuda mas-somma ta’ Lm9,439.88 [professional fees] u s-somma ta’ Lm26.18 [supra], b’kollox Lm11,431.36. Minn dan l-ammont

[6] Supra

ghandha titnaqqas is-somma ta’ Lm5,100 [pagamenti gja` maghmula] biex b’hekk l-ammont finali dovut mill-konvenut lill-attur huwa ta’ L6,331.36 illum ekwivalenti ghal €14,752.06.

**33.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh fis-sens fuq indikat.

*It-tielet aggravju*

**34.** Qabel xejn din il-Qorti tosserva li, ghalkemm fis-sentenza appellata hemm indikat li l-ammont ta’ Lm5,755.85 huwa dovut “minhabba l-aspett tal-VAT kif ukoll tal-imghaxijiet hawn fuq imsemmija taht D4 u D5 rispettivament.”, fil-fatt mill-provi jirrizulta li dan l-ammont ma jinkludix l-imghaxijiet. Dan jirrizulta car mir-rapport tal-perit tekniku li halla impregudikata l-kwistjoni dwar l-imghaxijiet.[7] Ghalhekk in effetti fis-sentenza appellata ma ttiehditx decizjoni dwar l-imghaxijiet.

**35.** L-aggravju *de quo* huwa fis-sens li, ladarba rrizulta provat li l-konvenut ma ghaddhiex lill-attur l-informazzjoni necessarja sabiex dan jkun jista’ jikkomputa dak dovut lilu, il-konvenut m’ghandux jibbenefika mill-inadempjenza kuntrattwali da parti tieghu bl-applikazzjoni tal-principju *in*

[7] Vol.4 – fol.434

*illiquidis non fit mora*. F'dan il-kaz, l-attur ikkalkola s-somma mitluba minnu abbazi ta' dik l-informazzjoni li kien tah il-konvenut, u fejn dan naqas milli jghaddilu l-informazzjoni necessarja tal-valur tax-xoghlijiet, huwa ghamel stima taghhom. Ghalhekk fic-cirkostanzi ma kienx tort tal-attur, izda tort tal-konvenut li s-somma dovuta lill-attur ma setghetx tigi komputata bi precizjoni.

**36.** Din il-Qorti tosserva li l-attur ghandu ragun fir-rigward. Fix-xhieda moghtija minnu fit-12 ta' Mejju 2005 l-attur qal li hu kien talab lill-konvenut jaghtih kopja tal-kontijiet sabiex ikun jista' johrog il-kont tieghu fuqhom, izda l-konvenut baqa' ma ghaddihomlux.[8] Fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2005 il-konvenut ipprometta li jipprezenta l-kontijiet tal-kuntratturi.[9] Fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2005 il-konvenut ipprezenta l-fattura tal-attur u prospett bil-lista tal-kuntratturi li hadmulu izda mhux il-fatturi.[10] Fis-seduta tad-9 ta' Frar 2006 id-difensur tal-attur vverbalizza li l-attur ghat-tielet darba kien qed jitlob li l-konvenut jipprezenta l-fatturi kollha.[11] Eventwalment l-attur kellu jipprezenta rikors[12] sabiex il-konvenut jigi ordnat mill-Qorti jipprezenta l-fatturi kollha, liema rikors gie milqugh.

**37.** Mill-premess tirrizulta manifesta r-riluttanza da parti tal-konvenut sabiex dan jghaddi lill-attur il-fatturi kollha sabiex l-attur ikun fil-posizzjoni li jistabbilixxi b'mod preciz l-ammont dovut lilu. Fic-cirkostanzi din il-Qorti

[8] Ibid – fol.477
[9] Ibid – fol.480
[10] Ibid – fol.481
[11] Ibid – fol.484
[12] Ibid – fol.386

tosserva li dan hu kaz car fejn l-ammont bilancjali dovut mill-konvenut lill-attur ma setax jinhadem minn dan tal-ahhar tort tal-konvenut. Inoltre, il-konvenut kellu f'idejh il-fatturi kollha li ghaddewlu l-kuntratturi li ghamlu x-xoghlijiet u ghalhekk dan kien fil-pozizzjoni li jikkomputa bi precizjoni dak dovut minnu lill-attur u ghalhekk da parti tieghu l-ammont dovut lill-attur kien facilment determinabbli.

**38.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat, u l-imghax legali fuq il-bilanc dovut mill-konvenut ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni u cioe` mid-9 ta' Lulju 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi, tilqa' l-appell limitatament billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-konvenut gie ordnat jhallas lill-attur is-somma ta' Lm5,755.86 [€13,407.55] u, minflok, tordna li l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erbatax-il elf, seba' mija tnejn u hamsin Euro [€14,752] [ekwivalenti ghal Lm6,331.36], bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Lulju 2004 sad-data tal-pagament effettiv; tikkonferma s-sentenza ghal bqija.

L-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell ikunu a karigu tal-konvenut.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------